

Brussell, 26 ta' Frar 2024
(OR. en)

6580/24

PI 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 5056/24	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li testendi l-mandat tal-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Il-Viċi Direttur Eżekuttiv attwali tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) inħatar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2019¹ għal mandat ta' ħames snin u ħa l-kariga fl-1 ta' Novembru 2019.
2. Skont l-Artikolu 158(6) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea, il-mandat tal-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO jista' jiġi estiż darba u għal mhux aktar minn ħames snin mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO.
3. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Diċembru 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO ppropona lill-Kunsill li jestendi l-mandat tas-Sur Andrea DI CARLO bħala Viċi Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO.
4. Din l-ittra, li tinkludi wkoll il-konsultazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO, ġiet iċċirkolata lid-delegazzjonijiet fil-5 ta' Jannar 2024². F'dak il-kuntest, id-delegazzjonijiet ġew

¹ ĠU C 325, 30.9.2019, p. 1.

² 5056/24.

mistiedna jindikaw, sal-31 ta' Jannar 2024, jekk kellhomx xi oppożizzjoni għall-estensjoni proposta.

5. Fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprietà Intellettwali tad-19 ta' Frar 2024, id-delegazzjonijiet ġew infurmati li ma waslet l-ebda oppożizzjoni rigward l-estensjoni proposta.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta, taħt il-punti "A" ta' laqgħa futura tiegħu, id-Deċiżjoni mħejjija mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill u li tinsab fid-dokument 6575/24.
